MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**

**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 576/2013

Mobisle **Communication Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Borg Philip**

**ID 359968M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Settembru, 2013 illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' tmien mija u tmienja u disghin ewro u tnejn u hamsin centezmi (€898.52) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 51066219 moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi 'ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie 'nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-14 ta' Frar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tmienja u disghin ewro u tnejn u hamsin centezmi (€898.52) bl-imghax sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------